**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**F'l-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta'**
**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 155/2024DC**
**f'l-ismijiet:**

***Mary Mifsud (K.I. Nru 378984M)***

***vs***

***Anthony D'Emanuele (K.I. 131568M)***
***Josef Cassar (K.I. 545981M)***

Illum, 29 ta' Frar 2024

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni preżentat fit-30 ta' Jannar 2024 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi r-rikorrenti talbet lil din il-Qorti żżomm lill-intimati milli:

> *Jbiegħu, ineħħu, jittrasferixxu jew jiddisponu sew b'titolu oneruż jew gratuwitu ż-żiemel bl-isem 'Vincent Ferm' bin-numru tal-passaport AV1414, u kif ukoll milli jirreġistraw u jippermettu lill-istess żiemel jieħu sehem fi kwalunkwe tiġrijiet, liema żiemel huwa propjeta' tar-rikorrenti u li sussegwentement jinstab fil-pussess tal-intimati.*

Rat id-degriet tagħha mgħoti fit-30 ta' Jannar 2024 permezz ta' liema, fil-waqt li laqgħet it-talba proviżorjament, ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimati bi żmien għar-risposta u appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-26 ta' Frar 2024.

Rat ir-risposta ta' l-intimati prezentata fid-9 ta' Frar 2024 u fil-5 ta' Frar 2024 rispettivament; iż-żewġ intimati opponew għat-talba bħala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Semgħet il-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal ta' l-udjenza miżmuma fis-26 ta' Frar 2024 meta ir-rikors tħalla għall-llum għal provediment.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

## Il-Fatti

Illi r-rikorrenti tgħid li l-familja tagħha innegozjat ix-xiri ta' żiemel b'l-isem Vincent Fern minn Franza. Il-ħlas tal-prezz ta' dan iż-żiemel tħalla f'idejn it-tifel tar-rikorrenti[1] li kien involut ukoll fin-negozjati. Iż-żiemel inġib Malta f'April 2022 u ġie reġistrat f'isem ir-rikorrenti sia mal-Malta Racing Club u sia mas-Servizzi Veterinarji. Jidher li ftit taż-żmien wara s-sid preċedenti tiegħu ilmenta mal-Malta Racing Club li huwa ma kienx irċieva il-flus rappreżentanti l-prezz taż-żiemel u talab l-intervent tagħhom. Jidher ukoll li l-Malta Racing Club, tramite l-intimat Anthony D'Emanuele, avviċinat lir-rikorrenti. Bħala riżultat ta' dan l-avviċinament r-rikorrenti ikkonsenjat iż-żiemel; il-persuna li marret biex tieħu iż-żiemel ma kienx wieħed mill-intimati.

Illi r-rikorrenti kienet riluttanti ħafna waqt id-depożizzjoni tagħha u ma tat l-ebda informazzjoni dwar x'ġie diskuss bejnha u bejn D'Emanuele. Tgħid biss li D'Emanuele infurmaha li ċemplu minn barra dwar iż-żiemel għax kien hemm xi disgiwd u ftehmu li kellu jieħu ż-żiemel sa kemm jiġi riżolt dan id-disgwid. Mistoqsija diversi drabi baqgħet ma qaltix x'kien id-disgwid pero qalet li D'Emanuele kien '*jirrappreżenta l-owners*' u kienet tafdah. Ikkonfermat li ż-żiemel tatu lil D'Emanuele f'Lulju 2022 u mbagħad f'Novembru 2022 rat li ż-żiemel kien miktub il-Marsa. Jidher li minn hemm r-rikorrenti saret taf li ż-żiemel kien reġistrat fuq l-intimat Cassar u li kien xtrah hu mingħand is-sid oriġinali.

Illi mill-atti proċesswali jidher li Cassar ġie mitlub mill-Malta Racing Club biex iż-żiemel jinżamm f'għalqa tiegħu sakemm jittieħed lura għand is-sid tiegħu originali; peress li Cassar huwa delettant taż-żwiemel interessa ruħu fih u spiċċa xtrah hu mingħand is-sid originali.

[1] Il-flus ħarġithom ir-rikorrenti pero hija għaddiethom lil binha li kellu jieħu ħsieb il-ħlas lill-persuna mingħand minn xtrat.

Illi r-rikorrenti issa proċediet b'rikors ġuramentat kontra l-intimati odjerni permezz ta' liema rikors ġuramentat hija qegħda titlob *inter alia* li l-intimati jirritornaw iż-żiemel.

Illi l-intimat D'Emanuele jilqa' għat-talbiet tar-rikorrenti billi jgħid li huwa mhux il-leġittimu kontradittur stante li hu kien qed jagixxi biss bħala delegat tal-Malta Racing Club u ż-żiemel qatt ma kien fil-pussess tiegħu għaliex mingħand ir-rikorrenti ittieħed taħt il-kustodja tal-Malta Racing Club. Jgħid ukoll li ma jeżisti l-ebda jedd tar-rikorrenti a bażi ta' liema għandu jinħareġ il-mandat mitlub u wisq anqas hemm xi biża ta' dannu irrimedjabbli li tista' ssoffri r-rikorrenti.

Illi da parti tiegħu l-intimat Josef Cassar, fil-waqt li jinsisti li huwa xtara ż-żiemel regolarment mingħand sidu, jilqa' għat-talbiet tar-rikorrenti billi jghid li l-mandat huwa null peress illi fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat huwa dejn jew talba li tista tiġi sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus allura r-rikors għall-ħruġ tal-mandat għandu jkun fih l-ammont lil għalih tammonta t-talba. Jgħid ukoll li r-rikorrenti m'għandha l-ebda jedd li jeħtieġ li jiġi kawtela permezz tal-mandat mitlub u dan għaliex hija ma gabet l-ebda prova li hija fil-fatt xtrat iż-żiemel.

Ikkunsidrat

## L-Intimat Anthony D'Emanuele

Illi l-intimat D'Emanuele qed jikkontendi li huwa mhux il-leġittimu kontradittur u li t-talba għall-ħruġ tal-mandat fil-konfront tiegħu hija insostenibbli.

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrenti qed tifttex li timpedixxi l-bejgħ jew kwalunkwe trasferiment futur taż-żiemel u li timpedixxi ukoll il-parteċipazzjoni tiegħu f'tiġrijiet.

Illi mill-atti proċesswali jidher li is-sehem ta'l-intimat D'Emanuele f'din l-istorja kienet dik ta' intermedjarju bejn il-Malta Racing Club u r-rikorrenti; jidher li kien riżultat ta' l-intervent tiegħu li r-rikorrenti waslet biex ikkonsenjat iż-żiemel. Iż-żiemel ġie fiżikament ikkonsenjat mir-rikorrenti lil terza persuna u ttieħed f'għalqa ta'l-intimat l-ieħor Cassar fejn inżamm fuq struzzjonijiet tal-Malta Racing Club. Iż-żiemel eventwalment reġa intxara mill-intimat Cassar. Ma nġiebet l-ebda prova li ż-żiemel qiegħed jew qatt kien fil-pussess ta' D'Emanuele jew li D'Emanuele huwa b'xi mod involut fil-parteċipazzjoni taż-żiemel fit-tiġrijiet. Wisq anqas ġie pruvat li D'Emanuele għandu xi kontroll kwalunkwe fuq dan iż-żiemel.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi t-talba odjerna tar-rikorrenti ma tistax tiġi indirizzata lill-intimat D'Emanuele. Dan għaliex, indipendentement minn dak li qed titlob r-rikorrenti fil-kawża tentata kontra ż-żewġ intimati u l-allegazzjonijiet hemm magħmula fil-konfront ta' D'Emanuele u l-iskop allegat ta' l-intervent tiegħu li wassalha biex tikkonsenja ż-żiemel, l-atti li r-rikorrenti qed tipprova timpedixxi milli jseħħu permezz tar-rikors odjern mhumiex fil-kontroll ta'l-intimat D'Emanuele.

Illi konsegwentement it-talba tar-rikorrenti fil-konfront ta' l-intimat D'Emanuele għandha tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat

**L-intimat Josef Cassar**

Illi f'l-ewwel lok l-intimat Cassar jikontendi li r-rikors huwa null għaliex l-ammont lil għalih tammonta t-talba mhux indikat. Cassar, fil-waqt li jirreferi għall-artikoli 831(1)(b) u 832 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jgħid li l-pretensjoni tar-rikorrenti hija waħda li tista' tiġi sodisfatta bi ħlas ta' ammont ta' flus għalhekk hija kellha tindika, taħt piena ta' nullita, l-ammont li għalih tammonta t-talba.

Illi minn qari tar-rikors ġuramentat preżentat mir-rikorrenti jemerġi, kif jirrileva l-intimat Cassar, li hija qed titlob il-likwidazzjoni u ħlas ta' danni. Pero, permezz ta'l-istess rikors ġutramentat, ir-rikorrenti qed titlob ukoll li l-intimati jiġu ordnati jirritornawlha ż-żiemel. U huwa dan il-jedd li tippretendi li għandha r-rikorrenti għar-ritorn lilha taż-żiemel li qed tfittex li tikkawtela bil-mandat odjern, u mhux il-ħlas tad-danni.

Illi għalhekk ma kienx meħtieġ li r-rikorrenti tindika xi *ammont li għalih tammonta t-talba* u konsegwentement ma jistax jingħad li n-nuqqas ta' indikazzjoni ta' xi somma ta' flus fir-rikors odjern jirrendih null.

Ikkunsidrat

Illi huwa ben stabbilit li l-għan ta' talba għall-ħruġ mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jżomm lil xi ħadd milli jagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-persuna li titlob il-ħruġ ta' dak il-mandat.

Illi huwa ben stabbilit ukoll f' ġurisprudenza kostanti x'irid jintwera biex ikun jista' jinħareġ mandat ta' inibizzjoni. Din il-ġurisprudenza hija riflessa f'dak li

qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta f'degriet datat is-7 ta' Settembru 2023 mgħoti f'l-atti tar-rikors f'l-ismijiet ***Stephen Attard vs Hadrian Bonello et***:

> *... bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li rrikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha prima facie l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;*
>
> *Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. ... ...*
>
> *Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. ... ... It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;*

Illi għalhekk dak li jrid jintwera biex jinħareg mandat ta' inibizzjoni huwa:
1. Jedd li jidher almenu *prima* facie;
2. Il-ħtieġa tal-mandat biex jiġi preservat dak id-dritt;
3. Preġudizzju li ser issoffri ir-rikorrent jekk ma jinħariġx il-mandat.

Ikkunsidrat

Illi skond ir-rikorrenti d-dritt tagħha għar-ritorn lilha taż-żiemel imsemmi huwa radikat fil-fatt li hija xtrat ż-żiemel u konsegwentement għandu jiġi ritornat lilha.

Illi ai termini ta' l-artikolu 1347 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta *bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz*. Għalhekk wieħed jista' jargumenta li indipendentement mill-ħlas lis-sid oriġinali, jekk kien

hemm il-ftehiem u anke l-konsenja taż-żiemel allura il-bjegħ kien *perfett.* Madanakollu mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti minn jeddha u wara diskussjonijiet ma' l-intimat D'Emanuele, u minħabba *disgwid* li kien jirrigwardu propju liż-żiemel, ikkonsenjatu lil Malta Racing Club, tramite l-intimat D'Emanuele, li skond l-istess rikorrenti kien qed jirrappreżenta lis-sid originali. Għalhekk jista' jingħad ukoll li r-rikorrenti min jeddha rritornat iż-żiemel lis-sid; l-istess sid li kien qed jallega li ma kienx tħallas.

Illi sfortunatament, kif diga ntqal, ir-rikorrenti minkejja li tallega li ġiet ingannata mill-intimati, kienet riluttanti ħafna waqt id-depożizzjoni tagħha u ma tat l-ebda informazzjoni dwar x'kien id-disgwid li wassalha biex tikkonsenja ż-żiemel u lanqas tat informazzjoni preċiża dwar il-ftehiem ma' D'Emanuele u/jew il-Malta Racing Club meta hi aċċettat li tikkonsenja ż-żiemel. Jibqa l-fatt pero li hija irritornat iż-żiemel lil "rappreżentanti" tas-sid, fatt li jista jiftiehem bħala rexissjoni tal-bejgħ.

Illi jekk il-bejgħ ma kienx għadu jiżisti allura ma jistax jingħad li r-rikorrenti għandha xi jedd li fih tista' tirradika it-talba tagħha għar-ritorn lilha taż-żiemel. F'dawn iċ-ċirkostanzi ma jistgħax jingħad li gew sodisfatti r-rekwiżiti għall-ħruġ tal-mandat mitlub.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tiċħad it-talba tar-rikorrenti Mary Mifsud billi ma jirriżultawx l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat mitlub.
2. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-30 ta' Jannar, 2024 sa fejn laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod proviżorju.
3. Tordna li l-ispejjeż marbuta ma' dawn il-proċeduri jitħallsu mir-rikorrenti.

**DR DOREEN CLARKE**
**IMHALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REGISTRATUR**